



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5383/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0388 (NLE)

UK 10
ENER 20

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-arranġamenti ta' negozjar tal-elettriku bejn l-UE u r-Renju Unit

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit stabbilit
mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda,
u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,
dwar l-arranġamenti ta' negozjar tal-elettriku bejn l-UE u r-Renju Unit**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' April 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/689¹ dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra² (il-“Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni”). Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għe applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2021 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.
- (2) Skont l-Artikolu 8(4), il-punt (c), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Enerġija (il-“Kumitat Speċjalizzat”) jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-materji kollha li fihom il-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jew kwalunkwe ftehim supplimentari jipprevedi hekk jew li għalihom il-Kunsill ta' Sħubija jkun iddelega setgħat lilu, dwar kwistjonijiet relatati mal-qasam ta' kompetenza tiegħu. Skont l-Artikolu 10(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kumitat għandu jadotta deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet b'kunsens reċiproku.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

² ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (3) L-Artikolu 311(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jirrikjedi li kull Parti tiżgura li l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni fuq l-interkonnetturi tal-elettriku jkunu bbażati fuq is-suq, ikunu trasparenti u ma jkunux diskriminatorji. Il-Partijiet jenħtieġ li jindirizzaw, fost l-oħrajn u kif xieraq, il-kalkolu tal-kapaċità, il-ġestjoni tal-konġestjoni u l-arranġamenti ta' negozjar għall-perjodi ta' żmien rilevanti kollha, inkluż il-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem. Skont l-Artikolu 311(1), il-punt (f), flimkien mal-Artikolu 311(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kull Parti għandha l-obbligu li tiżgura li l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni fost l-interkonnetturi tal-elettriku jkunu kkoordinati bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku (it-“TSOs”) tal-Unjoni u tar-Renju Unit għall-perjodi ta' żmien rilevanti kollha, filwaqt li tali koordinazzjoni ma għandhiex tinvolvi jew timplika l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fi proċeduri rilevanti tal-Unjoni.
- (4) L-Artikolu 312(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jirrikjedi li għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-ġestjoni tal-konġestjoni fl-istadju ta' ġurnata bil-quddiem, il-Kumitat Speċjalizzat jieħu, bħala kwistjoni ta' prijorità, il-passi meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 317 sabiex jiġi żgurat li t-TSOs jiżviluppaw arranġamenti li jistabbilixxu proċeduri tekniċi għall-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem.

- (5) Fit-22 ta' Jannar 2021, id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea u d-Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit ipprovdew rakkomandazzjoni preliminari lit-TSOs, qabel il-bidu tal-ħidma mill-Kumitat Speċjalizzat. Fir-rigward tal-kalkolu u tal-allokazzjoni tal-kapaċità għall-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem, ir-rakkomandazzjoni preliminari stiednet lit-TSOs iħejju mudell ta' mira ta' ġurnata bil-quddiem ibbażat fuq il-kunċett ta' 'akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni' f'konformità mal-Artikolu 312(1), l-Artikolu 317(2) u (3) u l-Anness 29 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Fir-rigward tal-kalkolu tal-kapaċità u tal-allokazzjoni għal perjodi ta' żmien għajr il-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem, ir-rakkomandazzjoni preliminari stiednet lit-TSOs tal-Partijiet sabiex flimkien jippreparaw proposta għal skeda ta' żmien għall-iżvilupp tal-abbozz tal-proċeduri tekniċi.
- (6) Minħabba li l-Kumitat Speċjalizzat beda jopera matul l-2021, jixraq, skont l-Artikolu 317(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li issa jikkonferma, bħala r-Rakkomandazzjoni tiegħu lill-Partijiet, ir-rakkomandazzjoni preliminari maħruġa fit-22 ta' Jannar 2021, kif ipprovduta mill-Partijiet lit-TSOs, u jitlobhom jibdew iħejju proċeduri tekniċi għall-użu effiċjenti tal-interkonnetturi tal-elettriku. Ir-rakkomandazzjoni preliminari, ladarba tiġi kkonfermata bħala rakkomandazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat, jenħtieġ li tkompli tkun il-qafas ta' kwalunkwe ħidma ulterjuri tat-TSOs f'dan ir-rigward.

- (7) Abbażi tar-rakkomandazzjoni preliminari tat-22 ta' Jannar 2021, it-TSOs taż-żewġ Partijiet ippreżentaw lill-Kummissjoni analiżi kost-benefiċċji tal-opzjonijiet għall-iżvilupp tal-akkoppjament tal-volum sfuż f'diversi reġjuni kif stabbilit fl-Anness 29 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u deskrizzjoni tal-proċeduri tekniċi korrispondenti. Fis-7 ta' Mejju 2021, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ppreżentat lill-Kummissjoni l-opinjoni informali tagħha dwar din l-analiżi.
- (8) Il-Kummissjoni qieset ir-riżultat tal-analiżi kost-benefiċċji u l-opinjoni tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija meta mqabbla mar-rekwiżiti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u informat lill-Kunsill bil-fehmiet preliminari tagħha. Hija kkonkludiet li r-riżultati miksuba mit-TSOs jeħtieġ li jiġu rfinati u hija meħtieġa aktar informazzjoni dwar l-opzjonijiet kollha analizzati minnhom. Ir-Renju Unit qabel ma' din il-konklużjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Speċjalizzat fit-30 ta' Marzu 2022.
- (9) Għalhekk, jixraq li tiġi appoġġata l-adozzjoni mill-Kumitat Speċjalizzat ta' Rakkomandazzjoni lill-Partijiet dwar it-talba tagħhom lit-TSOs għal informazzjoni addizzjonali li tissupplimenta l-analiżi kost-benefiċċji u l-proposti ġenerali għall-proċeduri tekniċi sabiex il-Kumitat Speċjalizzat ikun jista' jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 312(1) u l-Artikolu 317(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Jixraq li l-Unjoni titlob lit-TSOs tagħha jipprovdu din l-informazzjoni ulterjuri fi żmien ħames xhur mid-data tat-talba.

- (10) Il-Kumitat Speċjalizzat għandu jadotta r-Rakkomandazzjoni lil kull Parti dwar it-talbiet tagħhom lit-TSOs bil-ħsieb li jħejju proċeduri tekniċi għall-użu effiċjenti tal-interkonnetturi tal-elettriku mill-aktar fis possibbli. Il-Kumitat Speċjalizzat għandu jadotta r-Rakkomandazzjoni jew matul il-laqgħa li jmiss tiegħu, jew permezz ta' proċedura bil-miktub, skont liema minnhom jiġi l-ewwel, wara t-tlestija tal-proċeduri domestiċi minn kull Parti.
- (11) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar ir-Rakkomandazzjoni lil kull Parti fir-rigward tat-talbiet tagħhom lit-TSOs, peress li r-Rakkomandazzjoni prevista se jkollha l-kapaċità li tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-acquis tal-Unjoni jew il-mod li bih għandu jiġi implimentat, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222,¹

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Enerġija hija stabbilita fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
